# IL-POLITIKA TAL-KOMUNIKAZZJONI

Il-ħtieġa ta' komunikazzjoni effettiva għandha bażi ġuridika fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tiggarantixxi d-dritt taċ-ċittadini kollha li jkunu infurmati dwar kwistjonijiet Ewropej. L-istituzzjonijiet tal-UE żviluppaw diversi għodod u servizzi biex jibqgħu f'kuntatt mal-pubbliku u jinfurmaw lill-pubbliku. Sa mill-varar formali tagħha fl-2012, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ippermettiet liċ-ċittadini jiġu involuti b'mod aktar dirett fil-leġiżlazzjoni l-ġdida u l-kwistjonijiet Ewropej.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

It-Trattati ma fihom ebda kapitolu jew artikolu speċifiku li jikkonċerna l-politika tal-komunikazzjoni. Madankollu, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li saret vinkolanti permezz tat-Trattat ta' Lisbona, għandha l-istess status ġuridiku bħat-Trattati tal-UE. Tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-UE kollha b'qafas komuni li jgħaqqad il-kisbiet tal-UE mal-valuri sottostanti tal-UE meta jikkomunikaw mal-pubbliku ġenerali[1]. L-artikoli rilevanti fil-Karta jinkludu l-Artikolu 11 (id-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-espressjoni, kif ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi ta' komunikazzjoni), l-Artikolu 41 (id-dritt ta' kull persuna li tinstema' u d-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-fajl li jikkonċernaha), l-Artikolu 42 (id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-UE) u l-Artikolu 44 (id-dritt ta' petizzjoni). Billi m'hemm ebda bażi ġuridika separata fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għall-politika tal-komunikazzjoni, kwalunkwe azzjoni f'livell tal-UE trid tagħmel referenza għall-Artikolu 352 tat-TFUE[2].

## L-OBJETTIVI

L-UE għandha r-responsabbiltà li tikkomunika d-deċiżjonijiet u l-attivitajiet liċ-ċittadini tal-UE u lil partijiet interessati oħra. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom persunal speċjalizzat u baġits speċifiċi ddedikati biex ikun żgurat li informazzjoni dwar l-UE tkun disponibbli faċilment b'lingwa li ċ-ċittadini jifhmu. L-għodod ta' komunikazzjoni użati jinkludu siti web, accounts tal-media soċjali, faċilitajiet għall-viżitaturi, uffiċċji ta' kollegament u lokali fil-pajjiżi kollha tal-UE, kif ukoll servizzi speċjali għall-media. Jekk iċ-ċittadini ma jistgħux isibu t-tweġiba għall-mistoqsijiet tagħhom b'dawn il-mezzi, jeżistu wkoll ċentri ta' kuntatt (bħal Europe Direct u Ask EP) li ċ-ċittadini jistgħu jiktbulhom jew iċemplulhom biex jingħataw it-tweġibiet li jkollhom bżonn.

---

[1]Ara ĠU C 83, 30.3.2010, p. 389.
[2]Ara l-Verżjoni Konsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 115, 9.5.2008, p. 199).

B'aċċess għal informazzjoni ċara, iċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw aħjar id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, fejn id-deċiżjonijiet suppost jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini, waqt li jiġu osservati l-prinċipji tal-pluraliżmu, tal-parteċipazzjoni, tal-ftuħ u tat-trasparenza.

Sa mill-2005, il-Kummissjoni ħarġet numru ta' dokumenti ta' politika dwar il-komunikazzjoni. Dawn jirriflettu l-profil għoli ta' din il-politika, li hija bbażata fuq tliet prinċipji:

— Is-smigħ tal-pubbliku, u l-kunsiderazzjoni tal-opinjonijiet u t-tħassib tagħhom;

— Spjegazzjoni ta' kif il-politiki tal-Unjoni Ewropea jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini;

— Komunikazzjoni man-nies fuq livell lokali billi jiġu indirizzati fil-kuntest lokali jew nazzjonali tagħhom, permezz tal-media preferita tagħhom.

Taħt il-Kummissjoni Juncker, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni sar servizz presidenzjali li jaħdem favur l-objettiv predominanti li ġej: "Iċ-ċittadini jipperċepixxu li l-UE qiegħda taħdem biex ittejbilhom ħajjithom u jinvolvu ruħhom fl-UE. Iħossu li t-tħassib tagħhom jitqies fil-proċess Ewropew tat-teħid ta' deċiżjonijiet u jafu dwar id-drittijiet tagħhom fl-UE".

Matul it-tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej f'Mejju 2019, l-istituzzjonijiet tal-UE varaw kampanja ta' informazzjoni speċjali biex jinfurmaw liċ-ċittadini dwar l-elezzjonijiet u għaliex kemm l-elezzjonijiet kif ukoll il-voti tagħhom huma importanti.

## IL-KISBIET

**A.** Inizjattivi ewlenin (għażla):

— Il-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" (ara wkoll hawn taħt);

— Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija (ara wkoll hawn taħt);

— Nikkomunikaw dwar l-Ewropa permezz tal-Internet — Ninvolvu liċ-Ċittadini;

— Niddibattu l-Ewropa — forum online fejn in-nies jistgħu jsemmgħu t-tħassib tagħhom lil dawk li huma responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet;

— Li s-sit web Europa jsir sit ta' waqfa waħda għall-istituzzjonijiet u l-informazzjoni kollha tal-UE;

— Nikkomunikaw l-Ewropa permezz tal-Media Awdjoviżiva, p.e. in-Netwerk Ewropew tar-Radji (http://www.euranet.eu), u nagħtu spinta lir-rappurtar tal-affarijiet tal-UE fuq pjattaformi awdjoviżivi ġodda u eżistenti;

— L-għeluq tad-distakk fil-komunikazzjoni bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha permezz ta' kooperazzjoni u sħubijiet effiċjenti.

**B.** Il-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini"

Wara talbiet li saru fil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere (1999) u Nizza (2000) għal djalogu aktar miftuħ mas-soċjetà ċivili, l-ewwel programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva nbeda mill-Kunsill Ewropew

f'Jannar 2004 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE). Wara l-falliment tal-proġett "Kostituzzjoni għall-Ewropa", il-programm "ċittadinanza Ewropea attiva" ġie segwit mill-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini", stabbilit bid-Deċiżjoni 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu 2007 sa 2013 b'pakkett baġitarju totali ta' EUR 215-il miljun[3]. Abbażi tar-rakkomandazzjoni li saret wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programm fl-2010, il-Kummissjoni ssuġġeriet formalment, f'Diċembru 2011, it-tkomplija tal-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" — għalkemm f'forma kemm kemm riveduta — fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss 2014-2020[4]. L-objettivi prinċipali huma ddikjarati bħala "t-tisħiħ tat-tifkira u ż-żieda tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni"[5], u l-programm il-ġdid ġie adottat formalment mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-14 ta' April 2014 (ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014)[6]. Il-baġit tiegħu jammonta għal EUR 185.5 miljun, li jirrappreżenta tnaqqis meta mqabbel kemm mal-programm ta' qablu kif ukoll mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" 2014-2020 joffri finanzjament f'żewġ oqsma tematiċi: (1) It-Tifkira Ewropea, li tiffoka fuq l-implimentazzjoni storika tal-proġett Ewropew; u (2) Il-Proċess Demokratiku u l-Parteċipazzjoni Ċivika, bil-għan li jissaħħaħ il-fehim taċ-ċittadini tal-politiki tal-UE u, b'mod partikolari, li jiġi żgurat l-involviment attiv tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika Ewropea. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" 2014-2020 tiffoka fuq ir-rwol pożittiv ġenerali tiegħu fit-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni ċivika u tal-impenn demokratiku[7].

Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha għal regolament li jistabbilixxi l-programm "Drittijiet u Valuri (2021-2027)", li l-qasam tiegħu "Involviment u parteċipazzjoni taċ-ċittadini" jissostitwixxi l-programm attwali "L-Ewropa għaċ-Ċittadini", b'baġit propost ta' EUR 233 miljun. Fis-6 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwar il-programm, li issa jrid jiġi approvat formalment kemm mill-Parlament kif ukoll mill-Kunsill.

### C. Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija

Is-sena 2009 kienet l-ewwel sena li fiha l-prijoritajiet ta' komunikazzjoni interistituzzjonali kienu miftiehma bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni skont id-dikjarazzjoni konġunta dwar Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija[8], iffirmata f'Diċembru 2008. L-erba' prijoritajiet magħżula kienu l-elezzjonijiet Ewropej, l-enerġija u t-tibdil fil-klima, l-20 anniversarju tat-tibdil demokratiku fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u l-appoġġ tat-tkabbir, l-impjiegi u s-solidarjetà, b'konnessjoni partikolari mas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni. L-għan iddikjarat fid-dokument huwa "li jissaħħu l-koerenza u s-sinerġiji bejn l-attivitajiet imwettqa mill-istituzzjonijiet differenti tal-UE u mill-Istati Membri, biex joffru liċ-ċittadini aċċess aħjar u ftehim aħjar tal-impatt tal-politiki tal-UE fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali"[9].

[3]Ara ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32.
[4]Ara COM(2011)0884.
[5]Ibid., p. 3.
[6]Ara ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3.
[7]Ara COM(2018)0170.
[8]Ara COM(2007)0569.
[9]Ibid., p. 4.

**D.** L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

L-introduzzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) fit-Trattat ta' Lisbona tipprovdi — mill-1 ta' April 2012 — vuċi aktar b'saħħitha għaċ-ċittadini tal-UE billi tagħtihom id-dritt li jitolbu direttament lill-Kummissjoni tressaq inizjattivi ta' politika ġodda. Għandha l-għan li żżid dimensjoni oħra mad-demokrazija Ewropea, tikkomplementa s-sett ta' drittijiet relatati maċ-ċittadinanza tal-Unjoni u tkattar id-dibattitu pubbliku dwar il-politiki tal-UE, sabiex tgħin fil-bini ta' spazju pubbliku Ewropew ġenwin. Wieħed essenzjalment jittama li l-implimentazzjoni tagħha ssaħħaħ l-involviment taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fit-tiswir tal-politiki tal-UE. Kif meħtieġ mit-Trattat, fl-2011 il-Parlament u l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, adottaw regolament li jiddefinixxi r-regoli u l-proċeduri li jirregolaw dan l-istrument il-ġdid[10]. L-ECI tippermetti lil miljun ċittadin minn tal-anqas kwart mill-Istati Membri jistiednu lill-Kummissjoni tressaq proposti għal atti ġuridiċi f'oqsma li fihom il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tagħmel dan. L-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini — kumitat taċ-ċittadini magħmul minn tal-anqas seba' ċittadini tal-UE residenti f'tal-anqas seba' Stati Membri differenti — għandhom sena biex jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ neċessarji, li n-numru tagħhom irid jiġi ċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri rispettivi[11].

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona kellu impatt kbir ħafna fuq il-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-EU, b'enfasi aktar qawwija fuq il-kisba ta' riżultati għaċ-ċittadini tal-EU permezz ta' teħid ta' deċiżjonijiet aktar sempliċi u demokratiku. B'mod partikolari, it-Trattat ta' Riforma saħħaħ ir-rwol tal-Parlament Ewropew fit-tiswir tal-Ewropa. Bħala r-rappreżentant elett direttament taċ-ċittadini kollha tal-UE, il-Parlament għandu responsabbiltà ċara li jikkomunika xi tfisser l-Ewropa u li jartikola u jieħu azzjoni rigward l-interessi taċ-ċittadini fl-Ewropa.

Il-Parlament Ewropew huwa d-dar taċ-ċittadini fl-Ewropa. Fir-rapporti tiegħu, il-Parlament kemm-il darba għamel proposti dettaljati għat-titjib tar-relazzjoni bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha. Pereżempju, f'riżoluzzjoni adottata f'Settembru 2010, ippropona modi konkreti kif iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jkunu aktar involuti fid-dibattiti dwar kwistjonijiet Ewropej[12]. Hawnhekk, il-Parlament ħares lejn kif komunikazzjoni tista' tibda, tinkoraġġixxi u tiżviluppa aktar id-dibattitu Ewropew. Huwa saħaq fuq il-fatt li komunikazzjoni aħjar mill-gvernijiet, il-partiti politiċi, l-universitajiet, is-servizzi tax-xandir pubbliku u l-istituzzjonijiet tal-UE nfushom hija vitali biex tinħoloq "sfera pubblika Ewropea" ta' dibattitu.

Il-Parlament jipprovdi informazzjoni u dokumenti fis-sit web tiegħu fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE, u għandu preżenza qawwija fil-pjattaformi tal-media soċjali. Il-media hija multiplikatur tal-opinjoni fundamentali. Il-Parlament jappoġġja lill-media b'informazzjoni fattwali, b'għodod u b'faċilitajiet biex jgħinhom ikopru l-attivitajiet tiegħu, u l-kopertura tal-media hija mmonitorjata u informazzjoni falza dwar il-Parlament tiġi rettifikata. Barra minn hekk, iċ-ċittadini huma mistiedna jżuru l-kamra tas-sessjoni parzjali (fi Strasburgu

---

[10]Ara ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.
[11]Għal aktar informazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u għal ħarsa ġenerali lejn inizjattivi miftuħa u magħluqa, ara: http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/welcome?lg=mt
[12]ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 55.

u fi Brussell), il-Parlamentarium — iċ-ċentru tal-viżitaturi tal-Parlament — u Dar l-Istorja Ewropea (it-tnejn fi Brussell). Il-Parlament għandu mill-inqas uffiċċju ta' kollegament wieħed f'kull Stat Membru, u wħud minnhom għandhom ukoll ċentri tal-viżitaturi. Ir-rwol ta' dawn l-uffiċċji ta' kollegament huwa li jgħinu liċ-ċittadini jifhmu x'inhu l-Parlament Ewropew, x'jagħmel u x'jirrappreżenta. Dan jagħmluh billi jiżviluppaw kuntatti b'mod strateġiku maċ-ċittadini, mal-partijiet ikkonċernati u mal-media.

Bħalissa hemm sens ta' appartenenza akbar mal-UE fost iċ-ċittadini tal-UE, u dan huwa inkoraġġanti wara snin ta' ostilità sikwit evidenti lejn l-UE minħabba l-kriżijiet finanzjarji u politiċi l-aktar riċenti. Madankollu, dan is-sens ta' appartenenza għall-UE jinbidel, u jenħtieġu strateġiji u politiki ta' komunikazzjoni xierqa fil-livell tal-UE. Is-sehem attiv fit-tiswir ta' strateġiji u politiki bħal dawn mhux biss huwa wieħed mill-obbligi tal-Parlament lejn iċ-ċittadini tal-UE li attwalment jirrappreżenta, imma huwa anke fl-interess tiegħu stess.

Bħal fis-snin preċedenti, il-Parlament żamm liċ-ċittadini infurmati dwar l-elezzjonijiet tal-2019 u l-importanza tagħhom għall-futur tal-Ewropa. L-azzjoni ta' komunikazzjoni istituzzjonali ma kinitx partiġġjana u kienet b'appoġġ għall-kampanji individwali tal-partiti politiċi u tal-kandidati. Peress li ma kinitx partiġġjana, iffukat fuq dak li l-UE u l-Parlament kisbu u mhux fuq dak li għandhom jiksbu. Fl-ambitu tal-kampanja elettorali 2019 tal-Parlament, il-pjattaforma diddarbasenivvota.eu ġiet varata f'24 lingwa. Din appoġġjat lil aktar minn 150,000 voluntier fl-Istati Membri kollha, li rreġistraw biex jinvolvu lil aktar nies fl-elezzjonijiet Ewropej u ħeġġew kemm jista' jkun nies biex jivvutaw. Barra minn hekk, l-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament fl-Istati Membri kollha jaġixxu bħala ċentri ta' informazzjoni mfassla għall-ħtiġijiet lokali.

Katarzyna Anna Iskra
05/2019